



Dokument ta' sessjoni

B8-0438/2017

27.6.2017

RAKKOMANDAZZJONI GĦAL DEĊIJONI

imressqa skont l-Artikolu 105(6) tar-Regoli ta' Proċedura

li ma ssir ebda oġġezzjoni għar-Regolament delegat tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2017 li jissostitwixxi l-Annessi I, II, III u IV għar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (C(2017)03982 – 2017/2748(DEA))

Angel Dzhambazki
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali

Abbozz ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma ssir ebda oġġezzjoni għar-Regolament delegat tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2017 li jissostitwixxi l-Annessi I, II, III u IV għar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (C(2017)03982 – 2017/2748(DEA))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (C(2017)03982),
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2017, li permezz tagħha hija talbet lill-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għar-Regolament delegat,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, bid-data 22 ta' Ġunju 2017,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 861/2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar¹, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/2421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari l-Artikoli 26 u 27(5) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 861/2007 stipulaw il-formoli li jridu jintużaw biex tīgi ffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu;
- B. billi r-Regolament (KE) Nru 861/2007 għie emendat mir-Regolament (UE) 2015/2421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li se japplika mill-14 ta' Lulju 2017; billi l-bidiet li saru lill-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar jenħtieġ li jiġu riflessi fil-formoli fl-annessi msemmija hawn fuq;
- C. billi huwa meħtieġ li jiġu sostitwiti l-Annessi I sa' IV tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 u billi jenħtieġ li l-Annessi I sa' IV japplikaw fl-istess ħin meta jibda japplika r-Regolament (UE) 2015/2421;
- D. billi l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 861/2007 se jibdew japplikaw fl-14 ta' Lulju 2017, u jenħtieġ li r-Regolament delegat għalhekk jidħol fis-seħħi fl-14 ta' Lulju 2017;
1. Jiddikjara li ma joġġezzjonax għar-Regolament delegat;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-

¹ Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).

Kummissjoni.